SEGRETARJAT EDUKAZZJONI NISRANIJA

30, Binja Josmar,
Triq Idmejda, Ħal Balzan, BZN 1521, Malta
Tel: +356 22039360
www.csm.edu.mt

## Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fl-ewwel sena sekondarja

F'Novembru 2024 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għas-sena skolastika 2025-2026. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw għall-ewwel sena sekondarja.

### Subien tal-Ewwel Sena Sekondarja Mainstream

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja subien mainstream huwa ta' mija tmienja u disgħin (198) post. Tlett (3) postijiet inqalbu minn mainstream għal każijiet bis-sapport. Hekk it-total ta' postijiet huwa mija ħamsa u disgħin (195) post (198-3=195). Skont ir-Regolamenti, paragrafu 1h, jiġu riżervati għaxar (10) postijiet mainstream għal applikanti li jistgħu japplikaw taħt il-kriterju 1h fl-istess żmien ma' "Applikanti Oħra".

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| | | |
|---|---|---|
| *1a* | *Tfal mid-Djar tal-Knisja* | 2 |
| *1b* | *Tfal tal-impjegati fl-istess skola* | 9 |
| *1b 1f* | *Tfal tal-impjegati li qegħdin fi skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 1 |
| *1ċ* | *Aħwa* | 31 |
| *1ċ 1f* | *Aħwa li qegħdin fi skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 10 |
| *1f* | *Tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità* | 93 |
| *1ġ* | *Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 11 |
| ***Total*** | | **157** |

Għandna ukoll erba' applikazzjonijiet tal-Aħwa għal skejjel li bħalissa ma għandhomx post vakanti. Jekk jinħoloq post vakanti fl-iskejjel relevanti dawn jinkitbu fihom. Dawn mhux inklużi fit-tabella t'hawn fuq.

Għandna applikazzjoni b'talba għal transfer. Dan il-post ma jitnaqqas mit-total għaliex filwaqt li jistgħa jokkupa post fi skola oħra, iħalli post fl-iskola fejn jattendi. Dan mhux inkluż fit-tabella t'hawn fuq.

### Subien tal-Ewwel Sena Sekondarja li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja subien bis-sapport huwa ta' wieħed u tletin (31) post. Tlett (3) postijiet inqelbu minn mainstream għal-każijiet bis-sapport. Hekk it-total ta' postijiet huwa erbgħa u tletin (31+3=34).

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa:**

| | | |
|---|---|---|
| *1f* | *Tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità* | 14 |
| *1b* | *Tfal ta' impjegati fl-istess skola* | 2 |
| *1c* | *Aħwa* | 8 |
| *1a* | *Tfal mid-djar tal-knisja* | 2 |
| *1ġ* | *Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 2 |
| ***Total*** | | **28** |

L-ordni ta' preċedenza għad-dħul fl-iskejjel tal-knisja għat-tfal bis-sapport issegwi paragrafu 2.3 tar-Regolamenti tal-Każijiet Serji.

Il-postijiet għal każijiet serji bl-għajnuna tal-L.S.E. bis-sapport ta' Full-Time One to One u għal dawk li għaddejjin mill-proċess għand is-CDAU jew il-psikologu fil- Form 1 imtlew bl-applikazzjonijiet tal-ewwel kriterju.

Għalhekk mhux ser inkunu nistgħu naċċettaw aktar applikazzjonijiet għal Form 1 bl-għajnuna tal-L.S.E. bis-sapport ta' Full-Time One to One u għal dawk li għaddejjin mill-proċess għand is-CDAU jew il-psikologu.

Għaldaqstant ser ikunu jistgħu jintlaqgħu applikazzjonijiet fil-Form 1 għal applikanti subien li għandhom sapport Shared Same Class jew Shared Particular Lessons **biss**, kif ukoll għal Revision of Statement għal tneħħija tal-L.S.E. (ara Regolamenti Każijiet Serji – Para. 1.3). Skont ir-Regolamenti, paragrafu 1h, il-postijiet disponibbli jiġu l-ewwel offruti għal applikanti li jistgħu japplikaw taħt il-kriterju 1h fl-istess żmien ma' "Applikanti Oħra".

## Subien tal-Ewwel Sena Sekondarja Każijiet Soċjali

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja subien każijiet soċjali huwa ta' ħames (5) postijiet. Ma rċevejna l-ebda każ soċjali. Għalhekk se jintlaqgħu applikazzjonijiet ta' każijiet soċjali tat-tielet kriterju.

## Subien tal-Ewwel Sena Sekondarja Każijiet tal-Ażil

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja subien każijiet tal-ażil huwa ta' tmien (8) postijiet. L-applikazzjonijiet tal-Ażil jiltlaqgħu f'Marzu.

## Bniet tal-Ewwel Sena Sekondarja Mainstream

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja bniet huwa ta' sebgħa u sebgħin (77) post. Wara li ġie konkluż it-Transfer tal-bniet tas-St Francis, jirriżulta li fadal tlett (3) postijiet f'St Francis Sliema. Fi skola partikolari nbidel post minn każ soċjali għal mainstream. Hekk it-total ta' postijiet huwa ta' wieħed u tmenin post (77+3+1=81). Skont ir-Regolamenti, paragrafu 1h, jiġu riżervati għaxar (10) postijiet mainstream għal applikanti li jistgħu japplikaw taħt il-kriterju 1h fl-istess żmien ma' "Applikanti Oħra".

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| | | |
|---|---|---|
| *1a* | *Tfal mid-djar tal-knisja* | 1 |
| *1b* | *Tfal tal-impjegati* | 5 |
| *1ċ* | *Aħwa* | 14 |
| *1ċ 1f* | *Aħwa minn skola bla kontinwità* | 6 |
| *1f* | *Tfal minn skola bla kontinwità* | 11 |
| *1ġ* | *Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 2 |
| ***Total*** | | **39** |

**Segretarjat Edukazzjoni Nisranija**
30, Binja Josmar,
Triq Idmejda,
Balzan, BZN 1521

Tel: 22039360
Email: admissions@maltadiocese.org
www.csm.edu.mt

## Bniet tal-Ewwel Sena Sekondarja Li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

L-iskejjel sekondarji tal-bniet kollha għandhom primarja għalhekk kollha għandhom tfal bl-għajnuna ta' L.S.E. li ġejjin mill-primarja. Għaldaqstant huma limitati ħafna kemm jistgħu jaċċetaw aktar bniet bl-għajnuna ta' L.S.E. Għandna sitt (6) applikazzjonijiet għall-bniet bil-għajnuna ta' L.S.E. minn tal-Ewwel Kriterju:

| | | |
|---|---|---|
| *1f* | *Tfal minn skola bla kontinwità* | 4 |
| *1a* | *Tfal mid-djar tal-knisja* | 2 |
| ***Total*** | | **6** |

B'dan l-ammont ta' applikazzjonijiet li rċevejna, flimkien mat-tfal bis-sapport telgħin mill-primarji tal-istess skejjel, ma jippermettix li nilqgħu aktar applikazzjonijiet.

## Bniet tal-Ewwel Sena Sekondarja Każijiet Soċjali

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja bniet każijiet soċjali huwa ta' żewġ (2) postijiet. Post inbidel minn każ soċjali għal mainstream. Ma rċevejna l-ebda applikazzjoni għal każ soċjali. Għalhekk se jintlaqgħu applikazzjonijiet ta' każijiet soċjali tat-tielet kriterju.

## Bniet tal-Ewwel Sena Sekondarja Każijiet tal-Ażil

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja bniet każijiet tal-ażil huwa ta' tlett (3) postijiet. L-applikazzjonijiet tal-Ażil jiltlaqgħu f'Marzu.

### Konklużjoni

Se jintlaqgħu applikazzjonijiet għas-subien u għal-bniet: *mainstream*, Każijiet Soċjali u tal-Ażil. Għas-subien, ser jintlaqgħu applikazzjonijiet għal applikanti li għandhom sapport Shared Same Class jew Shared Particular Lessons **biss**, kif ukoll għal Revision of Statement għal tneħħija tal-L.S.E. (ara Regolamenti Każijiet Serji – Para. 1.3).

Aktar informazzjoni tinsab fir-Regolamenti tad-Dħul. Lista bl-applikanti tal-ewwel kriterju, li qed nirreferu għalihom f'din iċ-ċirkulari, tiġi ppublikata fil-ġranet li ġejjin fil-paġna tal-iskejjel tal-Knisja f'www.knisja.mt.

Fost l-applikanti oħra jista' ikun hemm aħwa li qed japplikaw fi snin oħra tad-dħul. Għalhekk jekk ikun hemm post vakanti dawn jingħataw preċedenza skont ir-Regolamenti (3.1).

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja** **30 ta' Jannar 2025**

**Segretarjat Edukazzjoni Nisranija**
30, Binja Josmar,
Triq Idmejda,
Balzan, BZN 1521

Tel: 22039360
Email: admissions@maltadiocese.org
www.csm.edu.mt